MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1033/2014

**Kevin u Angela konjugi Mallia f' isimhom propju u f' isem u fl-interess ta' binhom minuri Benjamin James Mallia**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Kevin ID Nru 360577(M) u Angela passaport Germaniz Nru C 4VN4Y942 konjugi Mallia datat 7 ta' April 2014 li jesponu bir-rispett, u Kevin Mallia bil-gurament tieghu jikkonferma:

Illi r-rikorrenti kellhom il-wild ta' tifel fil-5 ta' Gunju tas-sena 2009 fejn gie moghti l-isem ta' Benjamin James Mallia Gerth, kif jirrizulta mill-att ta' twelid fir-Registru Pubbliku numru 22907 (numru tal-iskrizzjoni 2103), datat it-18 ta' Gunju tas-sena 2009;

Illi l-koppja rikorrenti inghaqdu fiz-zwieg fit-3 ta' Awwissu tas-sena 2013 propju fir-Registru ghaz-Zwigijiet, il-Belt Valletta, fejn dan l-istess zwieg gie registrat skont l-att taz-zwieg bin-numru 1974/2013;

Illi f'dana l-att taz-zwieg bin-numru 1974/2013, hemm iddikjarat illi l-mara ma ghazlitx li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg u allura mill-gurnata taz-zwieg ma' zewgha hija hadet biss kunjom ir-ragel cioe' Mallia, hekk kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu bin-numru 3605 tas-sena 1977;

Illi sussegwentament il-koppja rikorrenti kellom tifel iehor li twieled fl-24 ta' Settembru tas-sena 2013 fejn gie moghti l-isem ta' Nicolas Mallia, dan skont l-att tat-twelid fir-registru pubbliku bin-numru 4615 tas-sena 2013;

Illi ghalkemm l-isem tal-ewwel tifel, Benjamin James, gie registrat b'kunjom ta' "Mallia Gerth", l-isem li dejjem uzat ghalih, u li ghadha tuza' ghalih il-familja tieghu huwa propju dak ta' Benjamin James Mallia biss (u mhux ta' (Benjamin James Mallia Gerth);

Illi ghalhekk jissussistu ragunijiet validi kif kontemplati f’ artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tintalab korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-istess minuri;

Illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat jaghmel din id-dikjarazzjoni.

Jghid l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Benjamin James Mallia Gerth numru 22907 (numru tal-iskrizzjoni 2103), mahrug fit-18 ta' Gunju 2009, billi fil-kolonna intestata *Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,* jitnehha l-kunjom "Gerth" sabiex b'hekk isem it-tarbija ghandu jidher bhala "Benjamin James Mallia" u dan *a tenur* l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f’kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Benjamin James, u dan skont l-artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez gudizzjarji kollha kontra l-intimata li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku datata 2 ta’ Mejju 2014 (fol 17) fejn espona  bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll, peress li din l-azzjoni tirrigwarda bdil fil-kunjom tal-minuri Benjamin James Mallia Gerth, l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti mijiex il-Qorti kompetenti biex tisma din il-kawza peress li tali azzjoni kellha tigi intavolata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

3. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent jirrileva li l-kunjom fuq l-att tat-twelid jitnizzel a bazi ta’ dak li jiddikjaraw id-dikjaranti fuq l-att tat-twelid *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16. Fuq l-att tat-twelid ta’ Benjamin James, id-dikjaranti kienu r-rikorrenti Kevin u Angela. Illi wara li jkunu gew inseriti d-dettalji fl-att tat-twelid, l-att jigi moqri u mghoddi lid-dikjaranti sabiex jikkonfermaw li d-dettalji inseriti huma korretti mbaghad wara li jaffermaw il-korrettezza tal-istess huma jiffirmaw l-att. F’dan il-kaz id-dikjaranti fil-fatt iffirmaw l-att b’ dan li allura kkonfermaw u accettaw li d-dettalji kif inseriti huma korretti nkluz il-kunjom li ghandu jassumi binhom. Jekk huma xtaqu li l-kunjom  tal-minuri jkun "Mallia" setghu fil-punt tar-registrazzjoni jiddikjaraw dan il-fatt pero` ma jirrizultax li sar hekk.

4. Illi ghalhekk l-ewwel talba kif maghmula hija insostenibbli u ma tistax tintlaqa.

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Maurizio Cordina ghall-konvenut direttur u Dr. Simon Galea Testaferrata ghall-attur. Dehru wkoll l-atturi. L-avukati difensuri tal-partijiet fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tad-direttur konvenut qablu illi l-kawza ghandha tkompli tinstema’ mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk il-Qorti qieghda tibghat dawn l-atti lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex dan jassenjahom lill-Imhallef li jisma’ dan it-tip ta' kawzi. Dr. Galea Testaferrata pprometta li ser jesebixxi l-avviz imsemmi fl-ewwel eccezzjoni tad-direttur konvenut. Il-Qorti baghtet l-atti lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali sabiex dan jassenjahom lill-Imhallef li jisma’ dan it-tip ta' kawzi. Aktar tard rega' deher Dr. Galea Testaferrata u pprezenta nota.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk illum presjeduta datat 21 ta' Novembru 2014 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-27 ta' Jannar 2015 fid-9:30am.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem dini l-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015 meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dr. Simon Galea Testaferrata u Dr. Ariana Falzon ghall-intimat Direttur. Dr. Galea Testaferrata iddikjara li m'ghandux aktar provi *stante* li gew esebiti l-affidavits tal-attur fil-mori tad-differiment. Dr. Falzon prezentat nota b'kopja ta' zewg sentenzi li jittrattaw mertu identiku u ghaddiet kopja lid-difensur tar-rikorrenti u ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri xi ggib. Id-difensuri trattaw il-kaz, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Simon Galea Testaferrata hu awtorizzat li jressaq nota ta' referenzi ghal dawk ipprezentati mill-intimat illum, u dan fi zmien 20 jum minn dan id-digriet, bin-notifika tal-intimat. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti proprju *et noe.* qed jagmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16**

saret debitament skont il-Ligi nhar il-11 ta' April 2014 (Fol.15 u 32 tal-process).

Ir-rikorrenti qed jitolbu l-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid ta' binhom minuri Benjamin James Mallia Gerth li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 2103 tas-sena 2009 billi jitnehha il-kunjom 'Gerth' u jibqa' maghruf biss bil-kunjom 'Mallia'.

L-Intimat eccepixxa fil-mertu li t-talba hija insostenibbli peress li kienu l-istess rikorrenti li rregistraw il-kunjom Mallia Gerth ghat-tarbija u kkonfermaw din l-intenzjoni taghhom meta gie registrat it-twelid. Ghalhekk meta marru biex jirregistraw it-tarbija taghhom, kellhom l-opportunita' li jaghzlu l-kunjom li ha tinghata t-tarbija.

Jirrizulta mill-atti u dokumenti esebiti li l-minuri gie registrat bil-kunjom 'Mallia Gerth' (**Dok.D1)**. Hu twieled fil-5 ta' Gunju 2009 qabel iz-zwieg tar-rikorrenti genituri tieghu (Certifikat taz-zwieg esebit bhala **Dok.D2)**. Gerth huwa kunjom xbubit l-omm u il-genituri ddikjaraw li jixtiequ li t-tarbija tkun maghrufa bil-kunjom 'Mallia Gerth'[1]. Iz-zewg rikorrenti konjugi Mallia huma imnizzla bhala d-dikjaranti fuq l-Att tat-Twelid *de quo*. Jirrizulta wkoll li meta zzewgu, r-rikorrenti Angela Mallia, li hija ta' nazzjonalita' Germaniza, ghazlet li ma zzidx kunjom xbubitha mal-kunjom ta' zewgha u hija maghrufa bhala Angela Mallia, u l-istess il-wild l-iehor tar-rikorrenti, li hu maghruf biss bhala Nicolas Mallia.

Fl-affidavit tieghu[2], r-rikorrent Kevin Mallia afferma li ibnu hu maghruf bhala Benjamin James Mallia u esebixxa kopji tar-rapporti skolastici tat-

[1] Ara affidavit ta' Kevin Mallia.
[2] Fol.40 tal-process.

tifel, kopja tal-passaport Germaniz tat-tifel li ghandu cittadinanza Germaniza u c-certifikat tat-twelid Germaniz tal-minuri, li kollha konsistentement juru li huwa maghruf bil-kunjom 'Mallia' minghajr iz-zieda tal-kunjom tal-omm. Ir-rikorrenti kkonfermat il-fatti dikjarati minn zewgha (Affidavit a fol.44).

**KONSIDERAZZJONI TA' DRITT**

Illi t-talba odjerna hija ghat-tnehhija ta' kunjom xbubiet l-omm billi l-kunjom moghti lill-minuri ghandu jigi korrett u jsir 'Mallia' flok 'Mallia Gerth'. Ir-rikorrent Kevin Mallia xehed li meta marru biex jirregistraw it-twelid tal-minuri "*Ma kellna l-ebda direzzjoni u wisq inqas hsieb dwar il-konsegwenzi ta' dan."*

**Principji Legali u l-Applikazzjoni taghhom ghall-kaa odjern.**

Ikkonsidrat li r-rikorrenti jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-**artiklu 253(2) tal-Kap.16.** Izda huwa pacifiku li dan l-artiklu jippermetti korrezzjonijiet fl-isem (il-prenom) ta' persuna, u mhux fil-kunjom. Hekk hu l-insenjament tal-Qrati taghna kif jirrizulta mis-sentenza "**Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:-

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra,tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn*

*dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul"ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa'tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball*." Dik il-Qorti kompliet:

"*Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro"minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.*

*Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi,la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier*

*naturali tieghu indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "***Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et***" (AC 29 ta' Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza*."

Illi fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li sar zball mar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri. Anzi l-genituri tal-minuri ezercitaw l-ghazla li tathom il-

Ligi u ghamlu dikjarazzjoni fis-sens li jixtiequ li kunjom binhom ikun Mallia Gerth (ara **art.292A tal-Kap.16 marbut mal-artiklu 92 tal-Kap.16). L-artiklu 92** jaghmel riferenza tassattiva ghal dak provvdut fl-art.292A u jiddisponi fil-*proviso:*

*"Iżda meta tifel imwieled barra miż-żwieġ ikun ġie rikonoxxut mill-missier u mill-omm flimkien fuq l-att tat-twelid, il-kunjom li bih dak it-tifel għandu jkun magħruf għandu jkun determinat skont l-artikolu 292A."*

Il-Qorti tifhem li r-rikorrenti kellhom ripensament wara t-twelid ta' binhom meta izzewgu u ghaqdu familja fiz-zwieg. Wiehed jista' jifhem l-insistenza tal-omm li zzid kunjom xbubitha mal-kunjom tal-missier fuq att ta' tarbija li twieldet barra miz-zwieg. Izda kienet x'kienet din il-htiega li hasset, maz-zwieg hi ghazlet li tiehu biss kunjom zewgha, u dan gie rifless fl-Att tat-twelid tat-tieni wild. Effettivament lanqas hu premess li r-registrazzjoni tal-kunjom 'Mallia Gerth' sar bi zball imma pjuttost li l-Att tat-twelid ghandu jirrifletti l-kunjom li t-tifel beda jissejjah bih wara r-registrazzjoni tal-Att.

Il-linja addottata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, fil-fehma tal-Qorti, tiddistingwi bejn kazijiet fejn it-tibdil fil-kunjom qed jintalab b'riferenza ghall-kunjom li m'ghandux konnessjoni mar-rabta familjari tal-applikant, u temperament ta' din ir-rigorosita' fejn tali rabta hija evidenti u l-interessi ta' terzi mhumiex pregiudikati.

Ezempji tal-ewwel kaz huma s-sentenzi fil-kaz **Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PAPS - dec fit-30 ta' Gunju 2004) u **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku(**A.C. 16 ta' Dicembru 2003)

Fil-kaz ta' **Nardu Balzan Imqareb**[3] il-Qorti qalet hekk: "*Dan premess, jidher in linea ta' principju komunement accettat illi l-isem u l-kunjom li bihom persuna hi konoxxuta skont il-precitati atti ma jistghux jigu modifikati, hlief meta xort' ohra provvdut mil-ligi nnifisha. Dawn il-modifiki, meta konsentiti espressament mil-ligi, huma previsti f' dawk ic-cirkostanzi korrelatati maggorment ma' rapport familjari (Ad.es.it-tibdiliet konsentiti fil-kaz ta' adozzjoni, denegata paternita, jew rikonoxximent ta' paternita').*" Dan il-principju gie spjegat mill-Qorti tal-Appel fil-kaz **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fuq citata), fejn l-istess Qorti, in kwantu anke rilevanti ghall-kaz odjern sostniet li:-

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 1947 fl-ismijiet **"Joseph Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe"** – sentenza li, ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet **"Michele Mc Lean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et"**, din ta' l-ahhar citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza, li ghaliha jaghmel hafna referenza l-appellant, u cioe` **"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, 2 ta' Marzu, 1994:*

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu*

[3] Din il-kawza irrigwardat talba ghat-tibdil ta' isem kif ukoll tal-kunjom.

*maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt".*

Illi f'dawn l-ahhar sentenzi ta' Damian Damian Schembri u Nardu Balzan Imqareb, it-tibdil mitlub kien wiehed kapriccuz u mhux korreletat ma' rapport familjari.

It-talba tallum hija ghat-thassir tal-kunjom xbubit l-omm li jwassal sabiex l-minuri jibqa' bil-kunjom tal-missier. Din kienet tkun il-posizzjoni legali li kieku ma saret l-ebda dikjarazzjoni *ai termini* tal-artiklu 292A u hija konformi mal-artiklu 4(3) tal-Kap 16 fejn l-assunzjoni tal-kunjom tal-missier hu tassattiv filwaqt li z-zieda tal-kunjom tal-omm hija fakoltattiva.

Ir-rikorrenti ssottomettew[4] li c-cirkostanzi li fihom twieled il-minuri inbidlu *per subsequens matrimonium* u kien u ghadu jifforma parti mill-familja maghrufa bil-kunjom 'Mallia'. Ghalhekk jghidu li ma jkunx gust ghalih li jibqa' ttimbrat b'kunjom differenti.

Illi skont l-**artiklu 110 tal-kap.16**

[4] Ara 'rikors' a fol 21-24 tal-process fil-kap intestat "It-Tielet Eccezzjoni."

***110.*** *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 92(6), tifel li jkun hemm favur tiegħu preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet tal-Qorti, jieħu l-kunjom tal-ġenitur li fuq talba tiegħu jkun ġie hekk preżunt.*

*(2) Jekk il-preżunzjoni ssir fuq talba tal-missier u tal-omm, it-tifel jieħu l-kunjom tal-missier li miegħu jista' jiżdied il-kunjom tal-omm."*

Izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jbiddel xejn mid-disposizzjoni tal-**artiklu 92** li jirreferi lill-genituri ghall-artiklu **292A tal-kap.16** li hu l-qofol tal-kwistjoni li ghandha quddiemha llum.

Kif spjegat din il-Qorti kif diversament presjeduta "*L-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, ghal liema l-konvenut jaghmel espressa referenza kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet, jippresupponi zewg konsiderazzjonijiet. Il-wahda, li <u>jirreferi restrittivament</u> ghal talba ghall-korrezzjoni fl-isem biss*, *u t-tieni nett, illi si tratta ta' att vizzjat minhabba xi rregolarita`"* (**Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA (PS) - dec. fit-30 ta' Gunju 2004). (Sottolinear ta' din il-Qorti.)

Izda gie rikonoxxut li din in-norma ma gietx applikata b'rigidita' f'sentenzi iktar recenti. Hekk gie enuncjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -**(PA) (JRM) - 21 ta' Marzu 2002): - "*Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita' ta' persuna hija stabilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna izzid,*

*matul hajjitha, kunjom iehor ma' dak li titwieled bih[5]. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta' li tkun tista' tiddeciedi hi;*

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."*[6]

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Matthew Mercieca sive Mercieca Balbi vs D.R.P.** (PA(JA) - 26 ta' Jannar 2011) :-

"*Illi huwa minnu li kien hemm każi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attrici) awtorizzat annotazzjoni fil-margini tal-att tat-twelid; madankollu f'din il-kawża l-attur m'għamel ebda talba simili u f'kull każ bejn il-kunjom miżjud u l-persuna li qed tagħmel it-talba irid ikun hemm ness; per eżempju jkun kunjom omm l-attur (vide s-sentenza **"John Zammit sive Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, Din il-kawża giet intavolata qabel l-emendi fil-Kodici Civili li ppermettew persuna żżid kunjom ommha wkoll."*

Illi tajjeb li jigi senjalat ukoll li l-Qrati taghna kienu rinfaccjati b'sitwazzjoni fejn ic-certifikat tat-twelid ma kienx jinkorpora kolonna fejn jitnizzel mhux biss l-isem, imma anke l-kunjom li l-genituri jixtiequ li t-tarbija tkun maghrufa bih. Ghalhekk ma setax isir tibdil fil-kunjom tat-tarbija li

---

[5] Art.4(3) tal-Kap.16

[6] *App. Civ.* ***2.3.1994*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku***

awtomatikament assumiet il-kunjom tal-missier. Tali tibdil ma kienx permess jekk mhux fil-kunjom tal-missier.

Din is-sitwazzjoni llum hija differenti billi l-Att jindika anke l-kunjom li bih it-tarbija ghandha tigi mgharrfa u dan b'effett tad-dikjarazzjoni moghtija lill-genituri skont l-**Artiklu 292A tal-kap.16.**

Din il-Qorti gja kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha dwar talbiet li kienu jikkoncernaw iz-zieda fil-kunjom moghti tal-kunjom tal-omm (Ara ad. ez**. Rosanne Vassallo Kirpalani noe. v Direttur tar-Registru Pubbliku,** (dec. fl-14 ta' Ottubru 2014); **Dr. Ro'Anna Borg.et noe v Direttur tar-Registru Pubbliku** (dec.fis-16 ta' Dicembru 2015).

Fil-kaz ta' **Vassallo Kirpalani,** din il-Qorti ikkonsidrat li :

"Kif gie ritenut fil-kaz **"Karmnu Balzan Imqareb v Margaret Mortimer noe et"** fuq citat, *"….. il-pretiza aggunta bhala parti mill-kunjom, tal-kelma 'Imqareb', li hi ghal kollox estraneja ghall-kunjom li skont il-ligi jispetta lill-attur u hi ghal kollox arbitrarja (<u>m'hijiex lanqas il-kunjom ta' l-omm, aggunta li, kif fuq inghad, kienet tkun ammissibbli skont l-uzu</u>) m'hijiex legalment gustifikata ……"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz **Borg v Direttur tar-Registru Pubbliku** fuq citat, din il-Qorti rriteniet hekk:

*"Ikkonsidrat li ai termini tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-*

*kaz odjern il-minuri hadet awromatikament il-kunjom tal-missier biss billi r-Registru Pubbliki ma kienx mgharraf bl-ghazla li kienet ser tiehu wkoll il-kunjom tal-omm. Ghaldaqstant ghalkemm it-talba odjerna mhiex talba ghall-korrezzjoni ta' zball, hija talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mill-Ligi stess, jinghata rikonoxximent formali. "* (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-intimat ghamel riferenza ghal zewg sentenzi recenti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Giurisdizzjoni Superjuri) fl-ismijiet **Rose Mary Saliba Rapa v Direttur tar-Registru Pubbliku** (12 ta' Frar 2014) u **Claire Caruana pro et noe. v Direttur tar-Registru Pubbliku** (28 ta' Ottubru 2014) fejn gew michuda talbiet ghall-korrezzjoni tal-Att tat-twelid biz-zieda tal-kunjom tal-omm. Fil-kaz **Saliba Rapa** il-Qorti irriteniet li:-

*"Kieku kellu jigi permess li wara li tarbija tkun registrata imbaghad darba fost l-ohrajn il-genituri jew xi hadd minnhom jiddeciedi li l-minuri jrid ukoll igib kunjom l-omm dan jista' jaghti lok ghal abbuz u incertezza. Wiehed ma jridx jinsa l-importanza tal-kunjom u isem ta' persuna partikolarment meta jkun hemm bzonn li jsiru ricerki fuq l-istess persuna. Oltre' dan irrizulta li l-Qrati taghna meta accettaw zieda fil-kunjom li dejjem kien uzat mill-individwu ma saritx korrezzjoni tac-certifikat izda annotazzjoni – li f'din il-kawza lanqas biss intalbet.*

*Huwa ovvju li meta l-artikolu 4(3) jinqara ma' l-artikolu 292A tal-Kodici Civili ghandu jigi interpretat fis-sens li jekk ikun se jizdied kunjom l-omm wara dak tal-missier dan irid isir mar-registrazzjoni. L-istess artikolu 292A b'mod tassattiv jistipula li - Meta ma ssirx dikjarazzjoni bhal dik fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled fiz-zwieg, kunjom il-missier ghandu jitqies li jkun gie hekk dikjarat."*

Il-kaz odjern jittratta sitwazzjoni fl-invers - it-tnehhija tal-kunjom tal-omm. Izda talba simili ser twassal ghat-tibdil tal-kunjom dikjarat mill-genituri fil-mument tar-registrazzjoni - fatt li mhuwiex qed jigi kkontestat mir-rikorrenti.

Din il-Qorti tifhem li talbiet ghal bdil fil-kunjom m'ghandhomx jintlaqghu b'mod kapriccuz u legger. Madanakollu fis-sentenzi fuq rapportati, jirrizulta li l-Qrati taghna kienu lesti li jaghtu widen fejn it-talba ghandha ness familjari.

Dan hu s-sens tas-sentenza fl-ismijiet **Jason Paul Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PAJRM - 24 ta' Ottubru 2002) fejn il-Qorti irribadiet li :

*"Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal*

*dawn;*

*Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess tat-terzi, il-*

*Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn[7]".*

F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza fl-ismijiet **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku** fuq citat.

Fil-kaz fl-ismijiet **Harold u Hilda Ellul sive Ellul Mercer v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA) (JRM - 5 ta' April 2001) din il-Qorti kif diversament presjeduta ppronunzjat ruhha hekk:

*"Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn"*

Kif gja premess, il-kaz odjern mhuwiex pernjat fuq zball fir-registrazzjoni tal-kunjom bhala 'Mallia Gerth' izda lanqas fuq fatti li jinducu lil din il-Qorti li temmen li t-talba odjerna hija frott ta' leggerezza jew kapricc. Il-Qorti taccetta bhala fatt li l-familja tar-rikorrenti tghix il-hajja socjali u ufficjali taghha bil-kunjom 'Mallia' li, *del resto*, hu kunjom il-missier Kevin Mallia. Anke f'dan il-kaz, dak li qed jintalab huwa xejn li jmur kontra l-ordinament giuridiku taghna li hija postulata fuq it-trasmissjoni tal-kunjom tal-missier ghal wild legittimi jew mgharrfa.

Inoltre, ma tistax tinjora l-interessi tal-minuri li huma supremi specjalment meta il-parametri stabbiliti mhumiex qed jigu infranti. Il-minuri ghandu

[7] P.A. **31.10.1930**, fil-kawza fl-ismijiet ***McLean gia Abdillah vs Cremona nomine*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305)**

kunjom registrat li hu differenti minn dak ta' l-omm u ta' huh. Anke huh, li ghadu minorenni jinsab f'din is-sitwazzjoni anomala.

Il-minuri ser jaghlaq sitt snin u l-ebda pregiudizzju ghal terzi gie senjalat f'kaz li din it-talba tintlaqa'. Frankament din il-Qorti ma tistax tahseb f'raguni fejn it-tibdil rikjest jista' johloq hsara lil terzi specjalment ghaliex it-tifel gja juza l-kunjom 'Mallia' biss fil-hajja socjali u edukattiva tieghu. Forsi l-fehma ta' din il-Qorti kienet tkun mod iehor li kieku it-tifel gja kiber u ha l-istat tieghu fis-socjeta' u allura wiehed ikollu jhares l-interessi ta' terzi, anke jekk mhux necessarjament bic-cahda ta' talba imma b'mezzi ohra. Illum il-gurnata, wiehed ma jistax jinsa l-mezzi l-ohra ta' identifikazzjoni li huma disponibbli ghall-Istati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti b'dan li billi ma giex ippruvat, u lanqas jirrizulta, li sar xi zball imputabbli lill-intimat, l-ispejjez jkunu sopportati mill-istess rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat safejn huma inkompatibbli ma’ din is-sentenza, **Tilqa’ t-talbiet fis-sens li gej:**

**1. Tilqa'** l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Benjamin James Mallia Gerth numru 22907 (numru tal-iskrizzjoni 2103), mahrug fit-18 ta' Gunju 2009, billi fil-kolonna intestata *Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,* jitnehha l-kunjom "Gerth" sabiex b'hekk isem it-tarbija ghandu jidher bhala "Benjamin James Mallia";

2. **Tichad** it-tieni talba billi ma jirrizultax li hemm xi att ta' *status* iehor mahrug fuq l-istess Benjamin James, u f'kull kaz ma giex indikat *ai termini* tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------